LUQA

Minuti tal-Laqgħa Nru.27 tar-Raba' Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar il-Ħamis, 17 ta' Awissu 2006 fis-1.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joe Piscopo A.Mus.L.C.M. |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Silvio Schembri<br>Is-Sinjura Monica Camilleri<br>Is-Sur Joe Camilleri<br>Is-Sur Raymond Saliba |
| **L-Uffiċjali:** | |
| Is-Segretarju Eżek. | Is-Sur Michael Borg |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenzi għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Mistoqsijiet
5. Rapport Finanzjarju ta' Kull Tliet Xhur
6. Żjara minn Delegazzjoni Taljana
7. Mozzjonijiet
8. Ħlasijiet

LUQA

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Inqraw il-Minuti tal-Laqgħa Nru. 26 li , wara li f'para. 4.5 l-frażi '' fil-jiem tal-festa '' ġiet emendata biex tinqara ''fil-jiem tal-festi'' fuq osservazzjoni tas-Sur Victor Caruana, il-Minuti ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sur Silvio Schembri ssekondata mis-Sur Joe Camilleri.

## 2. RIFERENZI GĦALL-MINUTI

2.1 Wara li talab u ngħata l-permess mis-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-kuntrattur tal-ġbir ta' l-iskart ġie mwissi minnu (mis-Segretarju Eżekuttiv) illi kien illegali li l-kuntrattur jitlob ħlas mingħand tal-ħwienet biex jeħdilhom l-iskart. Il-Kunsill qabel ma' suġġeriment tas-Sur Victor Caruana li dwar dan tintbagħat ittra lil tal-ħwienet

2.2 Dwar il-ġbir ta' l-iskart, il-Kunsill qabel ukoll li ssir sejħa pubblika bil-ħruġ ta' Tender għall-Ġbir ta' Skart Domestiku u Kummerċjali.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku ta resume' tal-korrispondenza li daħlet sas-17 ta' Awissu 2006, fosthom :

a) Ittra mill-ADT li tgħarraf li r-rotta Nru. 34 se tibda tgħaddi minn Triq Sant'Andrija u mhux aktar minn Triq il-Gdida. Il-Kunsill qabel ma suġġeriment tas-Sur Victor Caruana li tinkiteb ittra lill-ADT fejn issir insistenza li Nru. 34 tibqa' tgħaddi minn Triq il-Ġdida.
b) ittra mill-ADT li tgħarraf bl-introduzzjoni ta' *cycle tracks* fi Triq l-Avjazzjoni

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha li daħlet mill-MEPA wara li din ġiet ivverifikata mis-Sur Victor Caruana.

## 4. MISTOQSIJIET

4.1 Is-Sur Victor Caruana staqsa jekk jistax jinqata' l-ħaxix ħażin mill-isqaqien u mill-bitħa magħrufa bħala ''tal-Kummissarju''. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

4.2 Is-Sur Caruana staqsa jekk tistax tinħareġ tender biex Ħal Farruġ jingħata tindifa generali mill-kappella 'l hemm. Is-Sindku wieġeb li dak l-iskart kollu jrid jitneħħa mill-Kuntrattur inkarigat mill-proġett ta' Ħal Farruġ.

4.3 Is-Sur Caruana staqsa jekk jistax isir xi ħaġa dwar dawk it-trakkijiet immarkati *For Sale* ipparkjati fi pjazza San Tumas. Dwar dan għandha tinkiteb ittra lill-Pulizija biex jieħdu passi.

4.4 Is-Sur Caruana staqsa wkoll meta se jsir il-patching u jitnaddaf l-''Isqaq ta' l-Isqof ''. Is-Sindku wieġeb li dan ix-xogħol isir ma' l-ewwel ċans li jinqala'.

4.5 Is-Sur Raymond Saliba staqsa jekk hemmx ċans li ssir mera fi Triq Wied in-Noqor. Is-Sindku wieġeb fl-affermattiv.

## 5. RAPPORT FINANZJARJU TA' KULL TLIET XHUR

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq għad-diskussjoni r-Rapport Finanzjarju ta' kull tliet xhur għall-perijodu April/Ġunju 2006.

5.2 Wara li saret diskussjoni, ir-rapport Finanzjarju April/Ġunju 2006 ġie approvat unanimament.

## 6. ŻJARA MINN DELEGAZZJONI TALJANA

6.1 Meta ġie mitlub jagħti dettalji dwar iż-żjara tad-delegazzjoni mill-belt ta' *Fiumicino*, is-Segretarju Eżekuttiv qal li din għandha tiġi Malta bejn il-21 u 25 ta' Awissu 2006. Żied igħid li għal din l-okkazzjoni tħejja programm ta' laqgħat u żjarat.

6.2 Wara li ġie diskuss fid-dettal mill-Kunsill u wara li saru xi emendi għalih, il-Kunsill approva unanimament il-programm taż-żjara tad-delegazzjoni mill-*Comune di Fiumicino.* (Kopja tal-programm tinsab mehmuża ma' dawn il-Minuti). Fost l-emendi għall-programm kien hemm il-jum li fih id-delegazzjoni Taljana kellha żżur Ħal Luqa. Il-jum iffissat tat-Tnejn 21 ta' Awissu ġie trasferit għall-Erbgħa, 23 ta' Awissu peress li s-Sur Victor Caruana ma setax jattendi fil-jum tat-Tnejn. It-tibdil ġie miftiehem sabiex il-Kunsillieri kollha jkunu jistgħu jattendu għall-okkażjoni.

6.3 Għal-laqgħat mad-delegazzjoni Taljana, il-Kunsill ħatar lill-Viċi Sindku Joe Piscopo, lill-Kunsillieri Monica Camilleri u Silvio Schembri, flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv Michael Borg.

- Fis-2.45 p.m. is-Sur Raymond Saliba talab u ngħata l-permess sabiex iħalli l-kamra.

## 7. MOZZJONIJIET

7.1 Mozzjoni mressqa mill-Viċi Sindku Joe Piscopo, li ġiet issekondata mill-Kunsillier Joe Camilleri, tgħid: **li l-Kunsill japprova l-installazjoni ta' żewġ (2) lampi ġodda fi Sqaq Nru 4, Triq il-Karmnu.**

7.1.i Wara diskussjoni li matulha ġew identifikati l-inħawi ta' fejn għandhom jitwaħħlu wara li jiġu approvati mill-Korporazzjoni Enemalta, il-Kunsill unanimament approva din il-mozzjoni.

7.2 Il-Kunsill approva wkoll unanimament mozzjoni mressqa mis-Sindku John Schembri u ssekondata mill-Kunsilliera Monica Camilleri li tgħid: **il-Kunsill japprova li bil-kollaborazzjoni tad-Dipartiment tas-Saħħa jaħdem biex, bħal snin preċedenti, tingħata t-tilqima għal kontra l-influwenza lill-anzjani u lil dawk ir-residenti kollha ta' Ħal Luqa li jikkwalifikaw għaliha.**

**8. ĦLASIJIET**

8.1 Il-Kunsill approva l-ħlasijiet kollha li daħlu sas-17 ta' Awissu 2006 u li lista tagħhom ġiet ippreżentata mis-Segretarju Eżekuttiv.

- Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, fis-3.55 p.m. is-Sindku ddikjara l-laqgħa bħala magħluqa.

Konfermati llum 19 ta' Settembru 2006.

| | |
|---|---|
| John Schembri<br>Sindku | Michael Borg<br>Segretarju Eżekuttiv |